# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 19 ta' Mejju, 2025**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 91/2022 ISB**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2023 l-isem għandu jaqra Il-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2022 ġew kjamati fil-kawża Joseph Cassar, Carmel Spiteri u Sammy Hili**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tal-**Kummissarju tat-Taxxi** tas-7 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

*... tordna illi l-kumpannija **Vitruvius Ltd. (C 42348)** terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji salv kull provvediment li jogħġoha tagħti...*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponenti Kummissarju għal dak li jirrigwarda VAT hu kreditur tas-soċjeta'* ***Vitruvius Ltd.*** *fl-ammont ta' mija u ħamest elef, wieħed u tletin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€105,031.64);*
2. *Illi s-soċjeta' surreferita kienet irreġistrat mal-esponenti Kummissarju sabiex tibda l-attivita' ekonomika tagħha fl-14 ta' Lulju 2010 bin-numru tar-reġistrazzjoni MT1991-2615 u bl-indirizz Trihills, Triq tal-Barrani, Għaxaq, Malta;*
3. *Illi s-soċjeta' surreferita bin-numru tal-Kumpannija C 42348 kienet intavolat appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv fl-ismijiet:*

   ***Vitruvius Ltd. vs il-Kummissarju tat-Taxxi, appell numru 11/16 VG***

   *kontra l-istimi maħruġa mill-esponenti Kummissarju;*
4. *Illi riċentement ir-Rikorrenti skopra waqt seduta tat-Tribunal u kien sorpriż kif tenut kont tal-ammont surreferit dovut lir-Rikorrenti, ir-Registratur tal-Kumpanniji iddeċieda illi jikkanċella minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji lis-soċjeta'* ***Vitruvius Ltd.****;*
5. *Illi tali deċiżjoni fejn is-soċjeta' surreferita kienet 'Struck Off as Defunct' bid-data effettiva 03/07/2020, kienet se tkun ta' preġudizzju enormi għar-rikorrenti;*
6. *Illi r-Rikorrenti mhux edott mill-fatti illi wasslu għad-deċizjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji illi jitħassar l-isem tas-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*
7. *Illi l-appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv surreferit immatura ferm u wasal biex ikompli jisma' l-provi tas-soċjeta' appellanti dwar l-appell fuq imsemmi;*
8. *Illi tali sitwazzjoni tat-tħassir tal-kumpannija tippreġudika serjament lill-Kummissarju esponenti milli jiġbor il-flus lilu dovuti mill-kumpannija* ***Vitruvius Ltd.****;*
9. *Illi għadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta s-soċjeta' surreferita tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji*

*u fl-umili fehma tar-rikorrent jeżistu l-elementi kollha kontemplati fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-kumpannija terġa' tiġi mqiegħda fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

10. *Illi l-artikolu surreferit testwalment jgħid -*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isemjerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

11. *Illi dan ir-rikors qed jiġi intavolat sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tar-rikorrent, jitħarsu l-interessi tal-erarju pubbliku u jiġu ssalvagwardati d-dettami tal-ġustizzja;*

12. *Illi l-esponenti jsib konfort f'dan li qiegħed jitlob fil-ġurisprudenza kostanti ora mai definita tal-qrati nostrali f'każi simili u senjatament fil-kawżi segwenti, kollha mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ):*

*29 ta' Settembru 2020 Mario Borg vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*

*30 ta' Ġunju 2020: Mazzacano D'Amato et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*

*Edwin Zammit kontra X et. 29 ta' Ottubru 2020;*

*30 ta' April 2020 Joseph Caruana vs Saviour Ferrito et*

*16 ta' Diċembru 2019:- Xuereb et vs Reġistratur tal-Kumpaniji et*

*28 ta' Marzu 2019:- Gauci Maistre noe vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji et*

***Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:-***

*24 ta' Jannar 2006:- Cassar Pullicino noe vs Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet et*

*26 ta' Ġunju 2018:- Micallef vs Borg et*

*30 ta' Marzu 2017:- Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji*

*31 ta' Jannar 2017:- Borg Barthet vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 8).

Rat **id-digriet** tagħha tat-30 ta' Settembru 2022 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2022 f'11:45 a.m.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien notifikat fis-6 ta' Ottubru 2022 (ara tergo ta' fol 10) u rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 11) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, u ċioe' Vitruvius Limited (C 42348) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-13 ta' Settembru 2007;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset,ghal diversi snin u b' mod kontinwu, mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-uniku kont annwali sottomess kien dak tas-sena 2008, filwaqt li l-uniku prospett annwali kien dak tas-sena 2009;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lid-diretturi tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa Gaulos, Tal-Balal Road, San Gwann u kif ukoll lid-diretturi tagħha u ċioe' lill Joseph Cassar fl-indirizz Villa Dolores,Triq Burgi,Madliena Swieqi u lill Carmel Spiteri,fl-indirizz 12, Penthouse, Triq il-Fugass,St. Paul's Bay datati 20 ta' Jannar 2020 (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****);*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija u kif ukoll lid-diretturi tagħha fl-istess indirizzi nhar it-3 ta' April 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija u d-diretturi tagħha ġew infurmati illi la darba kienu ilhom snin sħaħ jonqsu mill-obbligi tagħhom taħt l-Att, skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma iweġbux l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-3 ta' April 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat kif la s-soċjeta' surreferita Vitruvius Limited u lanqas terzi persuni inkluz ir-rikkorent qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mil-Att dwar il-Kumpaniji għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqgħet qatt ma rċieviet l-ebda tip ta' risposta la minghand il-kumpanija u lanqas minn terzi persuni jew xi tip ta' dokumentazzjoni pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-6 ta' Lulju 2020, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru b'effettt mit-3 ta' Lulju 2020;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartiklu 4 tal-artiklu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartiklu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal-lum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija Vitruvius Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur hija kreditriċi tal-kumpanija surreferita Vitruvius Limited hija stess u għaldaqstant hija għandha tiġi mħallsa l-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali u kontijiet annwali li jammontaw għal eluf ta' ewro;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti qegħda umilment tissolleva li hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ. Dan sabiex ir-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit;*

Rat ir-rikors tar-Reġistratur tal-Kumpaniji tas-26 t'Ottubru 2022 (fol 35) li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tordna l-kjamat fil-kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija *de quo* u ċioe' lil Joseph Cassar, Carmel Spiteri u Sammy Hili. Rat ukoll illi permezz tad-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2022, il-Qorti laqgħet it-talba.

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawża Joseph Cassar tal-25 ta' Jannar 2023 (fol 43), li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi nhar il-11 ta' Jannar 2023, l-esponent ġie notifikat bl-atti tar-rikors odjern kif ukoll bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat is-17 ta' Novembru 2022, ai termini ta' liema hu ġie kjamat in kawża, u għaldaqstant qiegħed jintavola din ir-risposta ai termini tal-Artikoli 961 u 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

2. *Illi ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) abbażi ta' liema ġie intavolat ir-rikors odjern, l-iskop ta' proċeduri bħal dawk odjerni huwa sabiex jippermetti membru jew kreditur ta' kumpannija li tkun ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex jitlob li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-kumpannija terġa' tiġi ri-attivata u mdaħħla fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

   *Għaldaqstant, in vista ta' dan, jiġi eċċepit li l-esponent ma huwiex il-leġittimu kuntradittur ta' dawn il-proċeduri stante li l-esponent ċertament ma għandux setgħa jerġa' jirriattiva u jdaħħal isem is-soċjeta' Vitruvius Ltd fir-Reġistru tal-Kumpanniji, kif fl-aħħar mill-aħħar hu l-iskop ta' dawn il-proċeduri. Jiġi rilevat li huwa r-Reġistratur tal-Kumpanniji biss – bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti – u mhux l-esponent, li jista' jerġa' jinkludi l-isem tas-soċjeta' Vitruvius Ltd fir-Reġistru tal-Kumpanniji.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'riferenza għall-fatt li fir-rikors tiegħu, il-Kummissarju tat-Taxxi jirreferi għalih innifsu bħala "kreditur" tas-soċjeta' Vitruvius Ltd, jingħad li dan ma huwiex minnu, proprju minħabba l-fatt li l-proċeduri intavolati mill-istess soċjeta' fl-ismijiet* ***Vitruvius Ltd vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** *(Ref: 11/16; Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva; Maġistrat Dr.*

*Gabriella Vella) għadhom qegħdin jinstemgħu, u għadhom fi stadju fejn qegħdin jinstemgħu l-provi tal-istess soċjeta'. Għaldaqstant, ċertament ma jistax jingħad li r-rikorrent huwa "kreditur" tal-imsemmija soċjeta' ġjaldarba l-proċeduri għadhom għaddejjin.*

4. *Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li l-ġurisprudenza kollha ċitata mir-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu hija għal kollox inapplikabbli, u dan stante li l-każijiet rifieriti minnu kienu jirrigwardaw rikorsi ai termini tal-Artikolu 300A tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpannija, l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni Tali sitwazzjoni ma tinkwadra bl-ebda mod fil-mertu tal-proċeduri odjerni.*
5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent għandu wkoll jissodisfa lil din l-Onorabbli Qorti li jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha stabbiliti fl-Artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*
6. *Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, jiġi eċċepit li l-esponent ma għandux jinsab responsabbli għal kwalunkwe ħlasijiet jew danni, inkluż dawk l-ispejjeż legali u/jew ġudizzjarji relatati ma' dawn il-proċeduri.*
7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi.*

Rat ir-Risposta tal-kjamati in kawża Carmel Spiteri u Sammy Hilli tat-8 ta' Frar 2023 (fol 47) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti ma jarawx l-utilita tat-talba tar-rikorrenti stante li sa fejn jafu hum il-kumpanija Vitruvius Limited (C-42348) ma ghandha ebda assi;*
2. *Illi l-kumpanija Vitruvius Limited (C-42348) kien giet krejata propju sabiex tahdem bhala sub-contractor ghal*

*kumpanija Marinelli, li kienet hadet tender minghand il-Gvern b'rabta mal-progett tax-xatt ta' Bormla;*

3. *Illi wara li falliet is-socjeta Taljana, konsegwentament falliet is-socjeta Vitruvius Limited (C-42348);*
4. *Illi fil-fatt Vitruvius Limited (C-42348) ikkonkorriet bhala kreditur tas-socjeta Marinelli f'konkors li sar fil-Qrati Maltin pero spiccat li ma hadet xejn ghaliex il-kreditu taghha ma kienx wiehed privileggat bhal dak ta kredituri ohrajn;*
5. *Illi ghal kull buon fini l-esponenti jiddikjaraw li l-kontabilita tal-kumpanija kien jiehu hsieba il-kjamat in kawza Joseph Cassar kif fil-fatt jirrizulta peress li anke l-ufficju registrat kien l-ufficju ta' kumpaniji ohra tal-istess Joseph Cassar;*
6. *Illi l-esponenti Sammy Hili ma kellu l-ebda kontroll fuq l-istess Vitruvius Limited (C- 42348), izda kien biss mandatarju presta nome ghal zijuh l-esponenti l-iehor Carmel Spiteri li ma setax jokkupa 1-kariga ta' direttur fl-istess socjeta minhabba problemi finanzjarji li kellu u li ghad ghandu;*

*Salv eccezjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2023 dehru l-Avukat Dr Vincienne Vella għar-rikorrent, l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat, l-Avukat Dr Mario De Marco għall-kjamat in kawża Joseph Cassar u l-Avukat Franco Galea għall-kjamati in kawża Carmel Spiteri u Sammy Hili.

Rat ukoll illi f'dik l-udjenza, xehdet Vanessa Ciantar in rappreżentanza tar-rikorrenti u ppreżentat numru ta' dokumenti (Dok VC, fol 59 sa fol 62). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-26 t'April 2024, il-kjamati in kawża Carmel Spiteri u Sammy Hili ppreżentaw nota (fol 65) b'kopja tax-xhieda mogħtija quddiem il-Maġistrat Gabriella Vella fid-19 ta' Novembru 2019 fil-proċeduri bir-referenza 11/2016VG (fol 66 sa fol 70). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur ta' Carmel Spiteri u Sammy Hili li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-nota ġuramentata tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili (fol 73) li permezz tagħha ppreżentat kopja tal-proċess bin-numru 11/2016VG fl-ismijiet Vitrivius Limited vs Kummissarju tat-Taxxi (fol 74 sa fol 387).

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2024, id-difensuri tal-partijiet kollha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2025, wara li semgħet it-trattazzjoni finali, bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u li permezz tagħha, ir-rikorrent jgħid illi b'effett mit-3 ta' Lulju 2020, l-isem tas-soċjetà **Vitruvius Limited (C 42348)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent huwa kreditur tas-soċjetà msemmija fl-ammont kif indikat fir-rikors promotur, liema ammont qed jiġi kkontestat mill-istess soċjetà quddiem it-Tribunal Amministrattiv permezz tal-appell fl-ismijiet **Vitruvius Ltd. vs il-Kummissarju tat-Taxxi** bir-referenza 11/2016 VG. Jgħid li għalhekk it-tħassir tal-kumpanija tippreġudika serjament lir-rikorrent milli jiġbor il-flus lilu dovuti mis-soċjetà *de quo.*

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetà Vitruvius Ltd (C 42348) terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrent jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

Fix-xhieda tagħha, **Vanessa Ciantar** ippreżentat rendikont ta' kemm għandha tagħti l-kumpanija *de quo* lir-rikorrent, liema ammont jeċċedi l-mitt elf Ewro (€100,000).

In **kontro-eżami** tikkonferma li fir-rigward tal-ammont allegatament dovut hemm proċeduri pendenti quddiem il-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn il-kumpanija *de quo* qed tikkontesta l-ammont minnha dovut. Mistqosija jekk għamlitx verifiki dwar x'assi għandha l-kumpanija hija twieġeb fin-negattiv.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont

il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Reġistratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija tidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-kjamat in kawża Joseph Cassar jibda billi jsostni li mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni stante li m'għandu l-ebda seta' jerġa' jirriattiva jew idaħħal il-kumpanija *de quo* fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Oltre minn hekk, isostni li r-rikorrent ma jistax jitqies kreditur tas-soċjeta' *de quo* stante li l-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għadhom pendenti. Jikkontendi li sabiex din il-Qorti tilqa' r-rikors tar-rikorrenti, għandhom jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha stabbiliti fl-Artikolu 325(4) tal-Kap 386.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu isostni li l-artikolu 325(4) ma jitlobx biss il-prova li min qed jagħmel il-kawża huwa kreditur (liema prova fil-fehma tal-kjamat fil-kawża ingiebet mir-rikorrent), iżda il-Qorti trid tkun sodisfatta li huwa ekwu li l-kumpanija tiġi ravvivata. Jikkontendi li wieħed ma jistax jutilizza dan l-artikolu kapriċċożament meta jinduna li bi żvista ma rrealizzax li kumpanija ġiet *struck off*, speċjalment in vista tal-fatt li r-Reġistratur intimat ikun għamel il-pubblikazzjonijiet neċessarji u oltre minn hekk każ bħal dak odjern fejn il-kreditur huwa entita' pubbliku jew essenzjalment parti mill-istat. Jispjega li r-ravvivament mhux sempliċiment għodda biex tagħmel tajjeb għat-traskuraġni iżda hija eċċezzjoni, li f'ġurisdizzjonijiet oħra lanqas biss teżisti. Jgħid għalhekk li r-rikorrent m'għamilx l-oneru tal-provi li jmur oltre il-fatt li huwa kreditur biex juri lil Qorti li huwa *just and proper* li l-kumpanija tiġi ravvivata. Fir-rigward tal-mistoqsija jekk il-fatt li hemm proċeduri pendenti vis-a-vis il-kumpanija *de quo* jammontax għal din ir-raġuni, isostni li f'dan il-każ il-proċeduri pendenti huma miġjuba mis-soċjeta' *de quo* u mhux mir-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi il-kjamati in kawża Carmel Spiteri u Sammy Hili jsostnu li primarjament ma jarawx l-utilita' tat-talba rikorrenti stante li l-kumpanija *de quo* m'għandha ebda assi. Jispjegaw li l-kumpanija kienet inħolqot sabiex taħdem bħala *sub-contractor* għal kumpanija Marinelli u meta falliet is-

soċjeta' Taljana, b'konsegwenza falliet is-soċjeta' *de quo* u fil-fatt kien anke kkonkorriet bħala kreditur u ma ħadet xejn.

Isostnu li l-kontabilita' tal-kumpanija kien jieħu ħsiebha Joseph Cassar, mentri Sammy Hili kien biss mandatarju *presta nome* għal Carmel Spiteri u dan tal-aħħar ma setax jokkupa l-kariga ta' direttur minħabba problemi finanzjarji.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eċċezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur**

Qabel ma tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu, il-Qorti tinnota li permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu, il-kjamat in kawża Joseph Cassar eċċepixxa li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni stante li hu ċertament li ma jistax jirriattiva kumpanija u jpoġġiha fir-reġistru, għax huwa biss l-intimat Reġistratur li għandu s-setgħa jagħmel dan.

Għalkemm huwa minnu li dak il-jedd huwa vestit biss fl-intimat Reġistratur ġialadarba jkun hemm direzzjoni tal-Qorti f'dan is-sens, huwa minnu wkoll li din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-kjamat in kawża bħala azzjonist u direttur tal-kumpanija *de quo* għandu jew aħjar għandu jkollu interess jekk tali kumpanija titħassarx mir-Reġistru jew le u dana bħala parti mir-responsabbilitajiet tiegħu vis-a-vis il-kumpanija, mhux lanqas minħabba l-proċeduri legali illi jirrizulta illi għadhom pendenti.

**Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-istess eċċezzjoni.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun*

> *xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Vitruvius Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrent għandu proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva li jeħtieġu l-involviment tas-soċjeta' Vitruvius Limited – li kienet hi stess illi bdiethom. Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4), xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja għaliha u fil-każ odjern, il-Kummissarju rikorrent indika li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li tibqa' attiva sabiex ir-rikorrent ikun jista' jottjeni gudizzju finali dwar il-pretensjonijiet tiegħu u jekk ikun il-każ, sussegwentament, jenforza id-drittijiet tiegħu fil-konfront tagħha.

Madanakollu, il-kjamat fil-kawża jargumenta li l-Kummissarju rikorrent ma ġab ebda prova dwar ir-raġuni għaliex din il-Qorti għandha tqis li hu xieraq li tordna r-ravvivament.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva l-insenjament ta' **Justice Quinn** fil-każ **OVS Capital Management (Cayman) Limited**[1] fejn ingħad:

> *"The decision of Laddie, J. in the Chancery Division of the High Court of England and Wales in Re Priceland Ltd*[2] *provides the following helpful guidelines to the court when considering whether to restore a company to the Register:*
>
> *(i) Before the court can exercise its discretion to restore a company, it must first be satisfied that either the company was carrying on business or in operation or alternatively that it is otherwise just to restore the company.*
>
> *(ii) Whether a company was carrying on business or in operation has to be considered by reference to the time of dissolution.*
>
> *(iii) The words "in operation" should be given a broad meaning in order to give the court the widest possible powers to restore.*
>
> *(iv) In considering whether it was just to restore a company to the register, the court is entitled to look at all the circumstances of the case and is not limited to any particular date.*[3]
>
> *(v) In an application to restore under either limb, absent special circumstances, restoration should follow and exercising the discretion against restoration should be the exception, not the rule…"*

Fid-deċiżjoni partikolari l-Qorti aċċediet għat-talba stante li minkejja l-fatt li l-kumpanija ma kinitx għadha operattiva, kellha jedd għal spejjeż minn azzjonijiet oħra. Oltre minn hekk, fl-istess każ ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma kien wera ebda oġġezzjoni li l-kumpanija tiġi ri-attivata sakemm jitħallsu l-ispejjeż li l-istess kumpanija kellha pendenti.

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, il-Qorti tqis illi r-rikorrent talab ir-ravvivament tal-kumpanija sabiex jitkomplew u jiġu konklużi proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministattiva. Ir-Reġistratur

[1] 2017 (1) CILR 232
[2] [1997] BCC 207
[3] Sottolinear għall-emfasi

intimat da parti tiegħu rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti. Il-kjamat in kawża Joseph Cassar min-naħa tiegħu jargumenta li l-proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kienu ntavolati mill-kumpanija *de quo* stess u għalhekk ir-rikorrent m'għandu ebda interess li dawn il-proċeduri jibqgħu attivi.

Il-Qorti għalhekk fliet il-proċess tal-istess proċeduri li kopja tiegħu ġiet ppreżentata lilha u jirriżulta li għalkemm huwa minnu li l-proċeduri ġew intavolati mill-kumpanija *de quo*, dawn saru b'reazzjoni għall-avviż mibgħut mir-rikorrent Kummissarju għal ħlas ta' taxxa dovuta. B'hekk, jekk kemm-il darba l-proċeduri ma jitkomplewx, ikun ifisser li l-ammont fl-intier tiegħu jiġi dovut. Biss ikun ifisser ukoll li l-Kummissarju rikorrent ma jkunx jista' jipproċedi kontra l-istess kumpanija iżda jkollu jniedi proċeduri kontra l-uffiċjali tagħha – azzjoni li xorta waħda jkollu jieħu jekk kemm-il darba l-kumpanija tibqa' fuq ir-Reġistru iżda ma jkollhiex assi, kif qiegħed jingħad li hu l-każ skont il-kjamat in kawża.

Il-Qorti tifhem li għalhekk l-argument prinċipali tal-kjamat in kawża huwa li sa ċertu punt huwa rrelevanti jekk il-proċeduri li hemm pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jitkomplux jew le, għax l-eżitu aħħari ser ikun li r-rikorrenti Kummissarju ser ikollu jdur fuq l-uffiċjali tal-kumpanija sabiex jirkupra dak dovut lilu.

Il-Qorti mhix komda bil-fatt li l-uffiċjali tal-kumpanija stess, minkejja li kienu huma stess li ħadu d-deċiżjoni li jikkontestaw it-taxxa dovuta f'isem il-kumpannija, illum huma komdi li jħallu l-kumpanija tispiċċa fix-xejn minkejja li jafu huma stess u għandhom sehem attiv fil-proċeduri pendenti.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-kjamati in kawża jsostnu ukoll illi qua parti mill-amministrazzjoni pubblika, ġja la darba ir-Reġistratur intimat għamel il-pubblikazzjonijiet kollha kif trid il-liġi, allura l-Kummissarju rikorrenti messu kien attent biżżejjed biex ma jħallix illi l-kumpannija titneħħa minn fuq ir-Reġistru. Jikkontendu illi ġja la darba, partikolarment xi ħadd bħal Kummissarju rikorrenti, ma għamel xejn, allura dak in-nuqqas ma' għandux ikun issa ssanat u/jew rimedjat bi proċeduri legali.

Il-Qorti trid tibda' biex tgħid illi tifhem u tara ħafna sens f'din is-sottomissjoni, b'dana kollu ma jfissirx illi din is-sottomissjoni għandha mis-sewwa sal-punt illi twassal lill-Qorti sabiex tiċħad it-talba illi qegħda ssir.

Jingħad qabel xejn illi quddiem il-liġi u quddiem il-Qrati kulħadd huwa trattat l-istess. Kwindi, fi proċeduri bħal dawn u ġjaladarba m'hemm ebda impediment legali, kull persuna jew entita' hekk intitolata tista' tressaq talba bħal din, mhux lanqas entita' pubblika u/jew governattiva bħal ma huwa ir-rikorrent.

Ulterjorment, ir-rikorrenti qed jirrappreżenta d-Dipartiment tat-Taxxi Interni u l-Qorti tqis il-ġbir tat-taxxi tal-pajjiż bħala materja ta' ordni pubbliku.

**F'dan ir-rigward pero', il-Qorti trid tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissarju rikorrent, li mhux l-ewwel darba li huwa ntavola kawżi simili. Il-Qorti tħoss illi bħala parti propju mill-amministrazzjoni pubblika, huwa għandu jkun iktar attent għall-avviżi maħruġa mir-Reġistratur intimat dwar kumpaniji li jkunu ser jiġu mneħħija mir-Reġistru, u dan sabiex jirreġistra l-interess tiegħu f'dak l-istadju u mhux imbagħad jirrikorri għal din it-tip ta' proċedura meta l-kumpanija tkun diġa' tneħħiet.**

**Fl-istess waqt jiġbed l-attenzjoni tal-intimat Reġistratur li forsi wasal iż-żmien nifmhu illi n-notifiki kif qed isiru mhumiex biżżejjed u li almenu safejn huma kkonċernati awtoritajiet jew entitajiet governattivi - għandu jkun hemm ferm aktar komunikazzjoni u kooperazzjoni f'din id-dinja digitali illi qed ngħixu fiha.**

**Dana dejjem biex jiġu evitati mhux biss ħin u spejjeż inutli iżda wkoll ma jkunx hemm possibblita' ta' abbuż minn terzi li jħallu l-kumpanija titneħħa mir-Reġistru sabiex jittentaw jiskartaw obbligi li jista' jkollhom.**

Finalment, din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Vitruvius Limited (C 42348) minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrent għandu interess u l-Qorti tinsab sodisfatta li dak li trid il-liġi sabiex huwa jitlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpanija msemmija lura fuq ir-Reġistru huwa sodisfatt.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet mressqa u peress illi jidhrilha illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Vitruvius Limited (C 42348)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Vitruvius Limited (C 42348)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għal perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrent huwa mistenni illi jsegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Vitruvius Limited (C 42348)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrent.

5. **Fil-ħames lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tar-rikorrent Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, salv għal dawk tal-kjamati in kawza li għandhom ibatu huma l-ispejjeż ġudizzjarji odjerni relattivi għalihom.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**